MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0072/09
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Nikolaos Vakalis, Ioannis Varvitsiotis, Ioannis Gklavakis, Emmanouil Angelakas, Vasco Graça Moura, Panayiotis Demetriou, Yiannakis Matsis, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Georgios Papastamkos, Dimitrios Papadimoulis, Margaritis Schinas, Kyriacos Triantaphyllides, Luis de Grandes Pascual, Giorgos Dimitrakopoulos, Silvia-Adriana Ţicău, Vasilica Viorica Dăncilă, Victor Boştinaru, Jan Březina, Adamos Adamou, Stefano Zappalà, Marios Matsakis, Rareş-Lucian Niculescu, Pia Elda Locatelli, Paulo Casaca, Anders Wijkman, Sérgio Marques, Carlos Coelho, Manolis Mavrommatis, João de Deus Pinheiro, Fiona Hall, Gabriela Creţu, Rovana Plumb, Nicolae Vlad Popa, Dragoş Florin David, Patrizia Toia, Stavros Arnaoutakis, Maria Matsouka, Stavros Lambrinidis, Costas Botopoulos, Anni Podimata, Gianni Pittella, Katerina Batzeli, Evangelia Tzampazi, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Juan Andrés Naranjo Escobar, Giovanni Robusti, Mario Borghezio, Maria Eleni Koppa u Ioannis Kasoulides
lill-Kummissjoni

Suġġett: Il-politika tal-UE dwar it-terremoti: miżuri meħuda mill-Kummissjoni wara t-terremot diżastruż li seħħ ftit ilu fl-Italja

Fl-14 ta' Novembru 2007 il-Parlament Ewropew adotta r-Riżoluzzjoni (P6_TA(2007)0507) dwar approċċ integrat għat-terremoti mill-UE (prevenzjoni, rispons u tiswija tal-ħsara). Din ir-Riżoluzzjoni, li hija l-ewwel test ta' istituzzjoni Ewropea ddedikat speċjlament u esklussivament għall-fenomenu tat-terremoti, talbet li jiġu adottati miżuri speċifiċi rigward politika għall-protezzjoni, it-tisħiħ tal-bini (b'enfasi speċjali fuq bini li għandu sinifikat storiku u kulturali), l-iffinanzjar, ir-riċerka, l-informazzjoni pubblika, eċċ.

1. Billi t-terremoti huma fenomenu naturali kumpless li jinvolvi ħafna parametri u aspetti li jridu jitqiesu sabiex jiġu mmaniġġjati b'mod effettiv (b'mod partikulari l-aspetti ambjentali, tal-bini, tal-imprenditorjat, lokali, reġjonali u edukattivi u l-ħtieġa ta' koperazzjoni internazzjonali), il-Kummissjoni temmen, speċjalment wara t-terremot fatali reċenti fl-Italja, li dan id-diżastru naturali għandu dimensjoni Ewropea, u mhux biss reġjonali jew nazzjonali, u li għalhekk jeħtieġ li tiġi ppubblikata komunikazzjoni ddedikata speċjalment u esklussivament għall-immaniġġjar effettiv tat-terremoti?

2. B'mod aktar ġenerali, x'miżuri ħadet il-Kummissjoni sa issa bħala rispons għar-Riżoluzzjoni msemmija hawn fuq?

3. Liema inizjattivi bi ħsiebha tieħu fil-ġejjieni biex timplimenta l-proposti tar-Riżoluzzjoni dwar l-immaniġġjar effettiv tat-terremoti?

4. Liema miżuri ta' protezzjoni kontra t-terremoti huma ko-finanzjati mill-Fondi Strutturali u mill-Fond tal-Koeżjoni?

5. Il-Kummissjoni temmen li l-komunikazzjoni reċenti bit-titolu "Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem" (COM(2009)0082) hija suffiċjenti meta mqabbla mal-gravità tal-problema?

6. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni rreaġixxiet b'mod immedjat għat-terremot fatali reċenti fl-Italja u, jekk iva, kif? Il-mekkaniżmu ta' rispons għad-diżastri naturali tal-UE ġie attivat? Il-Kummissjoni nediet miżuri ta' rijabilitazzjoni tal-UE fil-livell politiku u ekonomiku?

Imressqa: 15.04.2009
Mibgħuta: 17.04.2009
Skadenza: 24.04.2009